

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Leġiżlazzjoni Nazzjonali](#) > Slovakia

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovakkja

Slovakkja



Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar is-sistema ġuridika fis-Slovakkja.

Informazzjoni dwar l-ordni ġuridiku fis-Slovakkja tista' tinstab fil-paġna [Netwerk Ġudizzjarju Ewropew: ordni ġuridiku tal-ġustizzja ċivili](#).

Sorsi tad-dritt

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

It-terminu “sorsi tad-dritt” jintuża fi tliet sensi:

1. sorsi tad-dritt fis-sens materjali – sorsi materjali tal-liġi
2. sorsi tad-dritt fis-sens epistemoloġiku – sorsi tal-għarfien tad-dritt
3. sorsi tad-dritt fis-sens formali – sorsi formali tad-dritt

Fuq il-bażi ta' kif feġġew in-normi legali u l-forma vinkolanti li huma espressi biha, tradizzjonalment jiġu rikonoxxuti t-tipi ta' sorsi tad-dritt li ġejjin:

- il-konswetudni,
- il-preċedent (il-liġi magħmula mill-imħallfin),
- il-liġijiet miktuba,
- it-trattati leġislattivi,
- il-prinċipji legali ġenerali,
- is-sens komun,
- il-kotba kontemporanji, il-letteratura legali u l-opinjoni tal-esperti,
- it-trattati internazzjonali, meta jkunu inkorporati kif xieraq fl-ordni ġuridiku tar-Repubblika Slovakkja.

Ġerarkija tan-normi legali

Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-ordni ġuridiku Slovakk huwa l-ġerarkija tan-normi legali. Li tintfiehew sew, kemm fil-prattika leġislattiva kif ukoll fl-implimentazzjoni, huwa vitali f'termini tal-legalità. Il-ġerarkija tan-normi mhijiex, madankollu, sempliċement kwistjoni ta' preċedenza jew subordinazzjoni loġika sempliċi. Il-ġerarkija tirrigwarda l-kwistjoni kollha tal-awtorità leġittima u tinkludi wkoll l-importanza kategorika li biċċa leġiżlazzjoni tista' ssir biss minn korp awtorizzat jagħmilha bil-liġi – fil-limiti tal-liġi u s-setgħat leġislattivi proprji tiegħu.

Il-leġiżlazzjoni hija kklassifikata minn dik li hija magħrufa bħala l-“forza legali”. Il-forza legali tirreferi għall-proprjetajiet tal-leġiżlazzjoni, biċċa leġiżlazzjoni tkun subordinata għal oħra (jiġifieri waħda b'forza legali akbar), jew meta biċċa leġiżlazzjoni tkun derivata minn oħra li jkollha forza legali akbar. F'sitwazzjoni li tinvolvi b'cejjeċ ta' leġiżlazzjoni b'forza legali differenti, id-dispożizzjoni aktar dgħajfa ma tistax tikkontradixxi dik aktar b'saħħitha, filwaqt li d-dispożizzjoni aktar b'saħħitha tista' tipprevali fuq dik aktar dgħajfa.

Il-leġiżlazzjoni tista' tiġi rranġata b'mod ġerarkiku kif ġej skont il-livell tal-forza legali:

Leġiżlazzjoni primarja (atti)

- atti kostituzzjonali (dejjem primarji),
- atti (primarji jew derivati minn atti kostituzzjonali).

Leġiżlazzjoni sekondarja (leġiżlazzjoni subordinata)

- regolamenti tal-gvern – dejjem sekondarji,
- leġiżlazzjoni ta' korpi tal-gvern ċentrali – dejjem sekondarja,
- leġiżlazzjoni ta' korpi ta' unitajiet awtoregulatorji (awtoritajiet) – primarja jew sekondarja,
- leġiżlazzjoni maħruġa f'ċirkustanzi eċċezzjonali minn awtoritajiet li mhumiex korpi governattivi – dejjem sekondarja.

Fis-sistema tad-dispożizzjonijiet legali, meta att partikolari jkollu l-preċedenza, dan bażikament ifisser li d-dispożizzjonijiet legali l-oħra kollha jridu joħorġu minn dak l-att, ikunu kompatibbli miegħu u ma jmorrux kontrih. Dan ifisser li, fil-prattika, f'sitwazzjoni fejn dispożizzjoni legali aktar baxxa fil-ġerarkija tikkontradixxi dispożizzjoni ta' grad ogħla, l-azzjoni trid tittieħed fuq dik tal-grad ogħla.

Qafas istituzzjonali

Istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni

Il-korpi u l-awtoritajiet elenkati hawn taħt għandhom is-setgħa li jadottaw il-leġiżlazzjoni (korpi li jfasslu l-liġijiet):

- il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja – il-Kostituzzjoni, l-atti kostituzzjonali, l-atti, ut-trattati internazzjonali bi preċedenza fuq atti, it-trattati internazzjonali bil-forza ta' att,
- il-Gvern tar-Repubblika Slovakkja – regolamenti tal-gvern,
- il-ministeri u korpi oħrajn tal-gvern ċentrali – deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni, digrieti u miżuri ta' implimentazzjoni,
- l-assemblej municiġjali u tal-ibliet – regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali,
- l-awtoritajiet municiġjali u tal-ibliet, u l-korpi tal-gvern lokali – regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali.

Il-proċess leġiżlattiv

Stadi tal-proċess leġiżlattiv:

- it-tressiq ta' abbozz ta' liġi – inizjattiva leġiżlattiva,
- dibattitu dwar l-abbozz ta' liġi,
- votazzjoni (deċiżjoni dwar l-abbozz ta' liġi),
- iffirmar tal-abbozz ta' liġi adottat,
- promulgazzjoni (pubblikazzjoni) tal-biċċa leġiżlazzjoni.

Il-proċess deċiżjonali

Il-proċess leġiżlattiv

It-tressiq ta' abbozz ta' liġi – inizjattiva leġiżlattiva

Skont l-Artikolu 87(1) tal-Att Nru 460/1992 (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakkja), l-abbozzi tal-liġijiet jistgħu jiġu ppreżentati minn dawn li ġejjin:

- il-kumitati tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja,
- il-membri tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja,
- il-Gvern tar-Repubblika Slovakkja.

L-abbozzi tal-liġijiet jiġu ppreżentati f'taqsimiet, flimkien ma' preambolu.

Dibattitu dwar l-abbozz ta' liġi

Skont ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja (l-Att Nru 350/1996), l-abbozzi ta' liġijiet jgħaddu minn tliet qarjiet:

1. L-ewwel qari jinvolvi dibattitu ġenerali dwar is-sustanza jew dik li hija magħrufa bħala l-“filosofija” tal-abbozz ta’ att. F’dan il-qari, ma jistgħux jiġu proposti emendi jew żidiet.
2. Fit-tieni qari, l-abbozz ta’ liġi jiġi diskuss mill-kumitat(i) tal-Kunsill Nazzjonali li jkun ġie assenjat lilhom. Kull abbozz ta’ liġi jrid jiġi rieżaminat mill-Kumitat Kostituzzjonali, b’mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-Kostituzzjoni Slovakka, mal-atti kostituzzjonali, mat-trattati internazzjonali li jorbtu lir-Repubblika Slovakka, mal-atti u d-dritt tal-UE. Wara dan, jistgħu jiġu proposti emendi u żidiet u ssir votazzjoni dwarhom ladarba jitlestew id-diskussjonijiet tal-kumitat. Din hija r-raġuni għaliex il-pożizzjonijiet differenti jridu jiġu konsolidati qabel ma l-abbozz ta’ liġi jiġi diskuss fil-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka. L-abbozz ta’ liġi jintbagħat lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka ladarba l-Kumitat ta’ Koordinazzjoni jkun approva r-rapport konġunt tal-kumitati permezz ta’ riżoluzzjoni speċjali. Dan ir-rapport jiffirma l-bażi tad-dibattitu tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk u tal-vot dwar l-abbozz ta’ liġi fit-tieni qari.
3. It-tielet qari huwa limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta’ liġi li jkunu ġew approvati emendi jew żidiet għalihom fit-tieni qari. Fit-tielet qari, l-uniċi bidliet li jistgħu jressqu l-membri parlamentari huma korrezzjonijiet ta’ żbalji fit-tfassil leġiżlattivi, u ta’ żbalji grammatikali u ortografiċi. Emendi u żidiet maħsuba biex jeliminaw kwalunkwe żball ieħor iridu jittressqu minn tal-anqas tletin membru tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka. Ladarba dawn ikunu ġew dibattuti, jittieħed vot dwar l-abbozz ta’ liġi sħiħ.

Votazzjoni (deċiżjoni dwar l-abbozz ta’ liġi)

Biex liġi tgħaddi, il-maġġoranza assoluta tal-membri preżenti jridu jivvutaw favuriha.

Il-Kostituzzjoni tista’ tiġi emendata u artikoli individwali jistgħu jitħassru biss jekk jgħaddu b’maġġoranza kwalifikata, li tfisser tlieta minn kull ħamsa tal-membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka (3/5 ta’ 150).

Il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jkollu kworum jekk ikun hemm preżenti mill-anqas nofs il-membri tiegħu.

Iffirmar tal-abbozz ta’ liġi adottat

L-abbozz ta’ liġi adottat jiġi ffirmat minn:

- il-President tar-Repubblika Slovakka,
- l-Ispiker tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka,
- il-Prim Ministru tar-Repubblika Slovakka.

Dan il-pass fil-proċedura jinvolvi l-verifika tal-kontenut, il-korrettezza proċedurali u l-forma finali tal-abbozz ta’ liġi adottat. Bil-firma tagħhom, dawn l-ogħla uffiċjali kostituzzjonali japprovaw il-formulazzjoni tal-att.

Il-President għandu d-dritt li jeżerċita “veto suspensiv” u jirrifjuta li jiffirma att adottat minħabba difetti fil-kontenut tiegħu. Huwa mbagħad irid jibgħat lura l-att adottat, flimkien mal-kummenti tiegħu, lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka biex jiġi diskuss mill-ġdid.

L-att irritornat imbagħad jgħaddi mill-istadji tat-tieni u tat-tielet qari. F’dan il-punt, il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jista’ – iżda ma għandux għalfejn – jikkunsidra l-kummenti tal-President. Il-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jista’ jegħleb il-“veto suspensiv” billi jerġa’ jivvota, f’liema każ l-att irid jiġi promulgat, anki mingħajr il-firma tal-President.

Promulgazzjoni (pubblikazzjoni) tal-biċċa leġiżlazzjoni

Il-promulgazzjoni hija l-istadju finali fil-proċess leġiżlattivi. Il-leġiżlazzjoni li tapplika għall-pajjiż kollu tiġi ppubblikata formalment fil-Ġabra ta’ Atti Leġiżlattivi (Zbierka zákonov) tar-Repubblika Slovakka; din il-pubblikazzjoni hija kompetenza tal-Ministeru tal-Ġustizzja Slovakk. Il-Ġabra ta’ Atti Leġiżlattivi hija l-istrument ta’ publikazzjoni statali tar-Repubblika Slovakka. Il-Ġabra ta’ Atti Leġiżlattivi tinħareġ f’forma elettronika u f’forma stampata. Il-verżjoni elettronika u l-verżjoni stampata tal-Ġabra ta’ Atti Leġiżlattivi għandhom l-istess effetti legali u kontenut identiku. Il-verżjoni elettronika tal-Ġabra ta’ Atti Leġiżlattivi hija disponibbli mingħajr ħlas permezz tal-portal Slov-Lex.

Dħul fis-seħħ

Il-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-promulgazzjoni tagħha fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi.

Il-leġiżlazzjoni ssir effettiva fil-15-il jum wara l-promulgazzjoni fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi sakemm ma jkunx stipulat li se tidħol fis-seħħ aktar tard.

Atti oħra jsiru vinkolanti fid-data tal-promulgazzjoni tagħhom fil-Ġabra ta' Atti Leġiżlattivi.

Mezzi ta' soluzzjoni tal-kunflitti bejn is-sorsi differenti tal-liġi

Strument normattiv ta' forza legali inferjuri ma jistax jikkontradixxi strument normattiv ta' forza legali superjuri.

Strument normattiv jista' jiġi emendat jew imħassar biss bi strument normattiv tal-istess forza legali jew superjuri.

Fil-prattika, ir-regola għar-riżoluzzjoni tal-inkompatibbiltà bejn leġiżlazzjoni li jkollha l-istess forza legali hija li biċċa leġiżlazzjoni aktar reċenti tħassar jew temenda biċċa leġiżlazzjoni eqdem, jew li norma speċifika tħassar jew temenda norma ġenerali.

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovacka tirrieżamina u tiddeċiedi dwar jekk:

- l-atti jkunux konformi mal-Kostituzzjoni;
- ir-regolamenti tal-gvern u d-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali, tal-ministeri u korpi oħrajn tal-gvern ċentrali, ikunux konformi mal-Kostituzzjoni, il-liġijiet kostituzzjonali, u l-liġijiet;
- ir-regolamenti li jorbtu b'mod ġenerali, maħruġa minn korpi ta' unitajiet awtoregulatorji, ikunux konformi mal-Kostituzzjoni u l-liġijiet;
- id-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali, maħruġa minn korpi lokali tal-amministrazzjoni ċentrali, ikunux konformi mal-Kostituzzjoni, il-liġijiet u dispożizzjonijiet legali oħrajn li jorbtu b'mod ġenerali;
- id-dispożizzjonijiet legali li jorbtu b'mod ġenerali jkunux konformi mat-trattati internazzjonali promulgati bil-mod stabbilit għall-promulgazzjoni tal-atti.

Meta l-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi li jkun hemm nuqqas ta' kompatibbiltà bejn id-dispożizzjonijiet legali, dawn id-dispożizzjonijiet – jew partijiet jew regoli tagħhom – ma jibqgħux effettivi. Meta l-korpi li jkunu ħarġu d-dispożizzjonijiet jonqsu milli jġibuhom konformi mal-istrumenti ta' livell superjuri rilevanti fil-limitu ta' żmien statutorju wara l-ħruġ tad-deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet – jew partijiet jew regoli tagħhom – ma jibqgħux fis-seħħ.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Il-bażi ta' *data* Slov-Lex tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovacka

Il-portal "[Ġabra Elettronika ta' Atti Leġiżlattivi \(Slov-Lex\)](#)" tal-Ministeru tal-Ġustizzja huwa bbażat fuq żewġ sistemi ta' informazzjoni interkonnessi:

1. eZbierka (Ġabra elettronika) – sistema ta' informazzjoni li tipprovdi testi elettroniċi konsolidati vinkolanti tal-leġiżlazzjoni u standards oħra għal dawk indirizzati mil-liġi
2. eLegislative (Leġiżlazzjoni elettronika) – sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-proċess għall-fażijiet kollha tal-proċess leġiżlattiv, mgħammra b'għodod ta' editjar avvanzati għal-leġiżlaturi

Benefiċċji għall-gruppi fil-mira:

Il-prinċipju legali fundamentali li l-persuni kollha huma familjari mal-liġi kif valida u fis-seħħ u jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom huwa dejjem aktar diffiċli biex jiġi applikat fil-prattika minħabba ż-żieda fil-volum u fil-komplessità tal-leġiżlazzjoni. Il-proġett Slov-Lex se jgħin biex itejjeb l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju billi jiżgura aċċess effettiv għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ għal kulħadd:

- iċ-ċittadini – it-taqsimha eZbierka tal-proġett b'mod partikolari se ġgħib benefiċċji fil-forma ta' aċċess imtejjeb b'mod formali u sostantiv għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, bla ħlas, u għarfien akbar tal-leġiżlazzjoni ġdida

- il-ġuristi – se jiksbu aċċess kontinwu għal-liġi fis-seħħ u l-possibbiltà li jkunu notifikati dwar leġislazzjoni ġdida fir-Repubblika Slovakkja jew fl-Unjoni Ewropea, kemm b'mod ġenerali kif ukoll b'mod speċifiku dwar leġislazzjoni li tirregola l-oqsma li jispeċjalizzaw fihom
- l-impreditturi – se jiksbu wkoll aċċess kontinwu bla ħlas għal-leġislazzjoni fis-seħħ u l-possibbiltà li jiġu mgħarrfa dwar leġislazzjoni ġdida Slovakkja jew tal-Unjoni Ewropea, kemm b'mod ġenerali kif ukoll b'mod speċifiku dwar leġislazzjoni li tirregola l-oqsma li joperaw fihom; l-ambjent regolatorju mtejjeb se joħloq kundizzjonijiet aktar favorevoli għan-negozju u jnaqqas il-piż amministrattiv tan-negozju
- l-awtoritajiet lokali u reġjonali – se jiksbu aċċess kontinwu bla ħlas għas-sorsi tal-leġislazzjoni fis-seħħ, filwaqt li fl-istess ħin se jitnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom (l-obbligu amministrattivament impenjattiv u għali sabiex jipprovdu aċċess fil-ġranet tax-xogħol għall-Ġabra ta' Atti Leġislattivi, marbut ma' abbonament u l-arkivjar ta' kopja stampata tal-Ġabra), billi jiġi sostitwit l-obbligu oneruż li jipprovdu aċċess assistit għall-Ġabra ta' Atti Leġislattivi fil-jiem tax-xogħol
- l-amministrazzjonijiet pubbliċi – il-proġett minn naħa se jipprovdi aċċess kontinwu bla ħlas għas-sorsi tal-leġislazzjoni fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, se jnaqqas il-piż amministrattiv u b'hekk l-ispiża finanzjarja tal-proċess leġislattiv, u l-possibbiltà li jittejjeb it-twettiq tal-kompiti fl-oqsma tat-tfassil tal-liġijiet u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea
- l-awtoritajiet ġudizzjarji – se jiksbu aċċess kontinwu u rapidu għal-leġislazzjoni fis-seħħ fi kwalunkwe jum magħżul fl-istorja, u l-possibbiltà ta' referenzi minn deċiżjonijiet ġudizzjarji għal-leġislazzjoni fis-seħħ fi żmien partikolari, li mill-anqas se jelimina parzjalment l-attivitajiet ta' rutina u jżid l-effiċjenza tax-xogħol tal-imħallfin u tal-uffiċjali tal-qrati
- l-awtoritajiet leġislattivi – se jkunu jistgħu jużaw għodda effiċjenti biex ifasslu l-leġislazzjoni u jamministraw il-proċess leġislattiv, li se teħlishom minn ftit burokrazija u tippermettilhom jiffukaw aktar fuq il-kontenut tal-proposti pendenti.

Ħoloq relatati

[Il-portal legali u ta' informazzjoni Slov-Lex](#)

L-aħħar aġġornament: 25/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.